**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 ta' Jannar 2025**

Rikors Numru: 237/24 AL

AB

vs

CD

(M.R. Numru 3407/2018)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-kontendenti zzewgu gewwa Malta fl-10 ta' Novembru 2018 u dana skond kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg. (Dok A)
2. Illi sussegwentament il-kontendenti sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Awissu 2022 in atti tan-Nutar Francesca Cachia Zammit, (Dok B).

3. Illi ma tezisti ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemmx pendenzi bejniethom li jirrigwardaw manteniment fil-konfront ta' xulxin personalment jew tat-tfal.
4. Illi l-esponent jixtieq li jikseb id-divorzji mill-intimata u ghalhekk inbdew dawn il-proceduri.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti w dana ai termini tal-artikolu 66A etseq. tal-Kapitou 16 tal- Ligijiet ta' Malta w taghti dawk il-provedimenti kollha opportuni fic-cirkostanzi.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:

1. Illi l-partijiet zzewgu fl-10 ta' Novembru 2018 liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta u minn dan iz-zwieg taghhom twieldu zewgt itfal minuri u cioe Zack illi twieled fis-26 ta’ Marzu 2019 u Adam illi twieled fid-9 ta’ Dicembru 2020.
2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta’ kuntratt ippubblikat fl-atti tan-nutar Francesca Cachia Zammit fit-22 ta’ Awwissu 2022.
3. Illi filwaqt illi ma kien hemm ebda riunifikazzjoni bejn il-partijiet mid-data tal-kuntratt ta’ separazzjoni u li ma hemm ebda prospett ta’ rikonciljazzjoni, hemm arretrati ta’ manteniment dovuti bhala gholi tal-hajja.
4. Illi l-esponenti qieghda tannetti ma’ din ir-risposta l-affidavit taghha (Dok. A).

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Dicembru,  2024;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-affidavit tal-intimata;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet tas-6 ta’ Dicembru 2024:

Li permezz taghha qeghdin jaqblu li din l-Qorti ghandha tghaddi ghall-pronunjament tad-divorzju stante li ma fadalx pendenzi ta’ manteniment.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta’ Awwissu 2022.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir res judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.
Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.